MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 323/2011

**Christian Gialanze**
**vs**
**Carmel sive Charles Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti ta' l-1 ta' April 2011 fejn intqal hekk:

Illi bejn April tas-sena 2010 u Jannar 2011 ir-rikorrenti biegh u konsenja lill-intimat illi jesercita l-kummerc taht l-isem "Sydney tal-Boroz" merkanzija fuq ordnijiet tieghu stess, u ghalkemm l-intimat effettwa xi pagamenti baqa' bilanc favur Iir-rikorrenti ta' €13,436.88;

Illi in oltre r-rikorrenti kien hallas lill-intimat s-somma ta' €3,624.52 skond ftehim illi kien sar bejn il-partijiet, liema ftehim kien gie terminat mill-intimat, u

ghalhekk ghandu jirrifondi Iir-rikorrenti s-somma fuq indikata;

Illi ghalhekk l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma komplessiva ta'
sbatax-il elf wiehed u sittin Euro u erbghin centezmu (€17,061.40);

Illi minkejja illi l-intimat gie interpellat sabiex ihallas huwa baqa' inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut u fl-opinjoni tar-rikorrenti l-intimati
ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza abbazi tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din il-Qorti rn' ghandiex: [1] taqta' u tiddecidi l-kawza abbazi tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 u cjoe bid-dispensa tas-smigh; [2] tiddikjara Iill-intimat bhala debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' sbatax-il elf
wiehed u sittin Euro u erbghin centezmu [€17,061.40]; [3] tordna lill-intimat
sabiex ihallas lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata. Kollox skond kif gie
dikjarat aktar 'l fuq u ghar-ragunijiet premessi;

Bl-imghax mid-data tal-fattura u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni intavolat kontestwalment mal-presenti kontra l-intimat li minn issa jibqa' ingunt ghas-subizzjoni tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza senjatament il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Gunju 2011, fejn dehru d-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-attur irriduca t-talba tieghu ghas-somma ta' hmistax-il elf Euro (€15,000), u dan permezz ta' nota fl-atti ppresentata fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2011;

Rat ix-xhieda tal-intimat Carmel Borg li ammetta t-talbiet attrici kif ridotti;

In vista li l-ammont pretiz mill-attur kif ridott gie ammess mill-konvenut, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lil konvenut jhallas lil attur l-ammont ta' hmistax-il elf Euro (€15,000) dovut ghal servizz provdut mill-attur lil konvenut, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kollha kif mitluba sal-jum tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------